*Marzu 2021 Ħarġa. Nru.57*

# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Small Shareholders - MASS VO 0629**

*Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.*
*Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta*
*website: mass.org.mt email: info@mass.org.mt*



## Editorjal

*minn Tarcisio Barbara*



Ħbieb, kif tafu, ninsabu għaddejjin minn żmien diffiċli ħafna minħabba l-pandemija, għax issa kulħadd mess magħha; min ħa l-Covid-19 hu, jew xi membru mill-familja tiegħu, jew inkella spiċċa kwarantina. F'dan iż-żmien, is-suq lokali mar lura ħafna minħabba f'dan il-virus, imma mhux biss, għax żgur hemm problemi oħra li qed jitfgħu s-suq tal-ishma lura. Diġà ktibna fuq hekk u qed nagħmlu l-almu tagħna kollu possibli, biex il-messaġġ tal-Investitur iż-Żgħir jasal għand l-Awtoritajiet. Kif qed taraw minkejja li hemm ħafna flus investiti fil-Banek u dawn żdiedu drastikament waqt il-pandemija, qed naraw li ma hemmx aptit min naħa tal-Investitur u b'dispjaċir qed ninnutaw li ħafna qed jirrikorru għal swieq barranin.

Aħna mhux se naqtgħu qalbna malajr u minkejja li ma għamilniex aktar laqgħat pubbliċi u għaldaqstant ma ltqajniex magħkom, aħna xorta għaddejjin b'ħidma qawwija sabiex il-leħen tal-Investitur iż-Żgħir jinstema'. Hija x-xewqa tagħna, li kif tgħaddi l-pandemija, l-ewwel laqgħa pubblika mal-membri tal-MASS, tkun biex nisimgħu mingħandkom u nieħdu s-suġġerimenti tagħkom. Imma sadanittant tonqsux milli tiktbulna, ħalli aħna nwasslu l-messaġġ tagħkom. Hija x-xewqa tagħna wkoll li f'din l-ewwel laqgħa nispiċċaw b'riċeviment bla ħlas, għal dawk il-membri kollha li jkollhom il-miżata mħallsa. Għaldaqstant nitolbukom biex tibgħatulna l-miżata bil-posta, kif ukoll dawk li mhux imseħbin fil-MASS, ifittxu jinkitbu minnufih.

Intant, dan huwa it-tieni magazin ta' din is-sena, bħas-soltu b'tagħrif u artikli interessanti. Din in-Newsletter, numru 57 għax-xahar ta' Marzu 2021, se ssibu l-**Editorjal** u l-**Impenji tal-MASS** miktuba minni. Imbagħad għandkom **Ittri, Imejls u Artikoletti mill-Membri tal-MASS**. Wara ssibu artiklu bl-Ingliż mis-Sur Edward Rizzo: **Maltese Shares Generated Average Annual Return of 8.7%**. Fl-aħħar paġna ssibu xi **Avviżi**.

Jalla se ssibu din ir-rivista interessanti wkoll; min naħa tagħna nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll f'isem sħabi nirringrazzja lil numru kbir ta' membri li kitbulna, jew ċemplulna, fejn irringrazzjawna, tawna l-appoġġ kollu u inkoraġġewna biex nibqgħu mexjin kif aħna. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikawh, jekk jogħġobkom għadduhulna. Nirringrazzjakom ħafna tal-appoġġ u nirringrazzja b'mod speċjali lill-isponsors kollha li tarawhom fil-lista **Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)** fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll f'isem il-MASS lill-kontributuri kollha għal dan il-fuljett, fosthom lis-Sur Edward Rizzo ta' Rizzo Farrugia Stockbrokers.

**Indirizz**

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Qormi**

***Kull ma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

**NEWSPAPERPOST**

# Impenji tal-MASS.

**Fit-28 ta' Jannar, 2021**, wara nofsinhar saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Lukanda Corinthia Palace, Ħ'Attard. 6 membri tal-Kumitat kienu preżenti fiżikament u 2 preżenti b'mezz diġitali. Il-President, Alfred Portelli, fetaħ is-seduta bil-qari tal-aġenda. Is-Segretarja Amministrattiva, Olena Borg, qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa. Dawn ġew ikkoreġuti u ffirmati. Wara rajna l-punti li joħorġu mill-minuti u hawn iddiskutejna l-laqgħat bejn delegazzjoni mill-Kumitat u ċerti Azzjonisti, dwar ilmenti u proposti li jirrigwardjaw is-suq lokali tal-ishma. Tkellimna fuq il-laqgħat ġenerali annwali tal-Kumpaniji u ftehimna li se ninsistu mal-MFSA, biex il-mistoqsijiet u t-tweġibiet tal-laqgħat ġenerali annwali, għandhom isiru pubbliċi fuq il-websajt tal-Kumpaniji.

Wara inqrat il-korrispondenza u t-tweġibiet. Imbagħad bdejna niddiskutu l-aġenda u l-ewwel fil-lista kienet it-tħejjija għal-laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi, Dr Clyde Caruana. Hawnhekk iddiskutejna fid-dettall il-proposti li konna bgħatna lill-Ministru Finanzi, bi tħejjija għall-budget u proposti oħra għal wara l-budget, speċjalment dwar id-drittijiet tal-Azzjonisti Żgħar (Minority Shareholders).

Is-suġġett li jmiss kien il-laqgħat ġenerali annwali tal-Kumpaniji. Wara diskussjoni qbilna, illi nissuġġerixxu lill-Awtoritajiet, illi la darba l-pandemija tidher li se ddum, għandu jinħareġ b'liġi jew b'avviż legali, li laqgħat ġenerali annwali tal-Kumpaniji li jillistjaw fil-Borża ta' Malta, għandhom isiru *on-line* bil-parteċipazzjoni tal-Azzjonisti; jekk mhux se jsir hekk, jista' jibda jingħata lok għal-laxkezza.

Fl-aħħar it-Teżorier, Tony Borg, tana tagħrif dwar il-qagħda finanzjarja tal-MASS. Wara, huwa faħħar in-Newsletter tagħna, fis-sens li tjiebet. Hawnhekk il-PRO, Tarcisio Barbara, tkellem fuq ir-reklamar li bdejna nġibu fir-rivista. Il-President għalaq il-laqgħa.

**Fit-2 ta' Frar, 2021**, wara nofsinhar, Delegazzjoni mill-Membri tal-Kumitat tal-MASS flimkien ma' Konsulent tagħna, kellna laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi, Dr Clyde Caruana, fil-Ministeru tal-Finanzi il-Belt Valletta. Bdejna billi f 'isem l-eluf ta' Azzjonisti Żgħar, fraħna lill-Gvern u l-Ministeru tal-Finanzi, għal mod kif ġabu l-ekonomija tal-pajjiż 'il quddiem f 'dawn l-aħħar snin, kif ukoll irringrazzjajna lill-Ministru tal-Finanzi, li f 'dawn l-aħħar snin laqa' uħud mill-proposti li għamlet il-MASS, mod speċjali fejn tidħol it-taxxa fuq id-dividendi. Fl-istess ħin wassalna l-preokupazzjoni tal-membri tagħna dak inhar, għax minkejja dan il-ġid kollu fil-pajjiż, f'dak li jirrigwardja n-negozju fuq il-Borża ta' Malta, mhux qed jiġi rifless.

Meta bgħatna l-proposti, il-pożizzjoni tal-indiċi tal-Borża ta' Malta kien taħt it-3,500, filwaqt li 5 snin ilu kien 4,431: Dan ifisser 21% inqas. Filwaqt li l-istokks tal-Ewropa, minn 5 snin ilu sal-lum tela' b'7%: 28% differenza, b'detriment għall-Investituri ż-żgħar, mod speċjali pensjonanti. Sostnejna li hemm diversi miżuri li jistgħu jittieħdu biex intaffu din il-waqa' fil-prezzijiet, li qed tagħmel ħsara kbira lill-Investituri mod speċjali ż-żgħar.

Iddiskutejna l-proposti li konna bgħatna lill-Ministru tal-Finanzi, bi tħejjija għall-budget u proposti oħra għal wara l-budget. Dawn il-proposti diġà ħriġnihom fin-Newsletter 54 ta' Ottubru 2020. Iddiskutejna wkoll fit-tul il-proposta tal-ħatra ta' Diretturi f'isem Azzjonisti Żgħar, għaliex illum, il-pożizzjoni hija li ma hemm l-ebda Direttur fil-Kumpaniji llistjati fil-Borża ta' Malta, li vera qed jirrappreżenta lil dawn l-Azzjonisti. Kulħadd jaf li d-Diretturi li hemm illum, huma fil-maġġoranza tagħhom imtellgħin miċ-Ċermen tal-Bord. Sħaqna mal-Ministru li l-Azzjonisti ż-Żgħar għandhom verament ikollhom leħen f'dawn il-Kumpaniji, wara li jkunu ħarġu flushom f'dawn l-istess Kumpaniji.

Lill-Ministru għidnilu li jekk dawk il-proposti jiġu addottati, aħna nemmnu li jerġa' jkun hemm fiduċja fis-suq u jerġa jirkupra. Spjegajnilu li qed naraw numru ta' Investituri li wara li tilfu l-fiduċja fis-suq lokali, qed jirrikorru għal swieq barranin, fejn qed isibu aktar vantaġġi. Il-Ministru fehem il-preokkupazzjoni tagħna u wegħdna li fi żmien 3 xhur, se jara x'jista' jagħmel biex intejbu l-qagħda tal-Investituri ż-Żgħar.

**Fit-12 ta' Frar, 2021**, saret il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija Maltapost b'mod virtwali. Din il-laqgħa ma kienetx miftuħa għall-Azzjonisti.

**Fit-23 ta' Frar, 2021**, wara nofsinhar, membri mill-Kumitat tal-MASS, ħadna sehem f'Webinar li sar mill-Bank HSBC, fl-okkażjoni tat-tħabbir tar-riżultati u rapport annwali tas-sena 2020. Dan il-Webinar ġie ndirizzat miċ-Ċermen, Dr John Bonello, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Simon Vaughan Johnson u l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sra Charlotte Cilia.




Ingħad li d-dividend propost huwa ta' €2.7 miljuni bbażat fuq 15% tal-profitti rrappurtati tal-2019 u l-2020. Dan huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew. Id-dividend gross finali rrakkomandat huwa ta' 1.16 ċenteżmi kull sehem (0.75 ċenteżmi kull sehem netti mit-taxxa). Fl-aħħar tal-Webinar ġew imwieġba 9 mistoqsijiet li saru mill-iStockbrokers, kif ukoll waħda min-naħa tal-MASS.



**Fl-24 ta' Frar, 2021**, filgħaxija, sar Webinar minn CCtrader bis-suġġett: Company Focus - An Exclusive look into RS2. Is-Sur Alan Cuschieri CO-CEO ta' Calamatta Cuschieri, għamel numru ta' mistoqsijiet lil Radi Abd El Haj, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Kumpanija RS2. Is-Sur El Haj spjega fid-dettal x'ser jagħmlu bil-fondi li se jdaħħlu mill-IPO tal-Preference Shares, li kienu se joħorġu dalwaqt. Il-pubbliku nġenerali seta jsegwi dan il-Webinar u anke fil-ġranet ta' wara, wieħed kien jista' jsegwieh minn fuq il-websajt tal-Kumpanija tal-iStockbrokers Calamatta Cuschieri(CCTrader).


Company Focus
An exclusive look into **RS2**
LIVE
Tune in to the live interview on Wednesday 24th February 2021 at 18:00
Alan Cuschieri
CO-CEO at Calamatta Cuschieri
Radi Abd El Haj
CEO & Executive Director at RS2


ALAN CUSCHIERI
CO-CEO



**Fl-4 ta' Marzu, 2021**, wara nofsinhar, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, kellna laqgħa mal-Bank HSBC, fil-kwartieri tal-Bank ġewwa Ħal Qormi. Preżenti għan-naħa tal-Bank kien hemm, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Simon Vaughan Johnson u s-Segretarju tal-Bord, l-Avukat George Brancaleone. Din il-laqgħa saret fuq talba min naħa tal-Bank, biex jagħtu ħarsa ġenerali tal-andament tal-Bank waqt il-pandemija u wara r-riżultati li ħarġu. Min naħa tagħna għamilna numru ta' mistoqsijiet fosthom:

- X'inhuma l-pjani tal-Bank f'dak li jirrigwardja l-bejgħ tal-proprjetajiet tal-fergħat li qed jingħalqu? It-tweġiba kienet li l-valur ta' dawn il-proprjetajiet diġà huma nlużi fil-kontijiet tal-Bank (karta ta' bilanċ).

- Tista' tagħtina informazzjoni fuq in-*non-performing loans* minn klijenti li jkunu sejrin ħażin minħabba l-pandemija? It-tweġiba kienet li fil-kontijiet diġà hemm maħsub €25 miljun għall-*expected credit defaults* li jista' jkun hemm.

- Staqsejna fuq x'inhi l-politika tar-rapporti annwali li jintbagħtu lill-Azzjonisti? Hawnhekk rrisponda s-Segretarju u qal li issa skont ir-regolamenti se jintbagħat il-ktieb (Annual Report), lil min jitolbu biss. Qal li s-sena l'oħra pprintjaw 500 ktieb, imma mhux żgur aktar minn 10 ġew mitluba. Għal din is-sena huwa maħsub li jordnaw ammont anqas, biex jiġu ffankati l-flus u nibżgħu għall-ambjent.

Il-Kap Eżekuttiv spiċċa l-laqgħa billi qal li jisperaw li l-Bank jibqa' jagħti d-dividendi 'l quddiem.

**Fl-10 ta' Marzu, 2021**, wara nofsinhar, sar Webinar mill-Borża ta' Malta, bis-suġġett Green Bond Listing. Il-preżentazzjoni ta' dan il-Webinar se tintbagħat ukoll bl-imejl ma' dan il-magazin.



**Fl-10 ta' Marzu, 2021**, wara nofsinhar ukoll, sar Webinar ta' informazzjoni mill-MCVS tal-Organizzazzjonijiet Voluntarji, bis-suġġett: "Public Collections" u "Charity Shops". Dan jirrigwardja regolamenti ġodda fejn jidħol ġbir ta' flus mill-Għaqdiet Voluntarji. Kienu mistiedna 40 Għaqda, fosthom il-MASS u kien hemm sagħtejn sħaħ ta' mistoqsijiet. L-Għada kien hemm sessjoni oħra bl-Ingliż. Peress li kien hemm interess kbir u l-mistoqsijiet ma ġewx imwieġba kollha, fil-ġranet ta' wara kellhom isiru żewġ Webinars oħra, bil-Malti u bl-Ingliż.

**Fit-18 ta' Marzu, 2021**, filgħaxija, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS b'mod virtwali. Is-Segretarja Amministrattiva, Olena Borg, fetħet is-seduta billi qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa. Dawn ġew ikkoreġuti u ffirmati. Wara rajna l-punti li joħorġu mill-minuti u l-korrispondenza, il-President, Alfred Portelli, qara l-aġenda. Komplejna nitkellmu fuq il-laqgħat ġenerali annwali tal-Kumpaniji u fassalna numru ta' proposti biex jintbagħtu minnufih lill-MFSA. Ingħata wkoll reżumé tal-laqgħa li kellna mal-Ministru tal-Finanzi, Dr Clyde Caruana.

Fost punti oħra li tkellimna fuqhom, kien hemm proposta mill-President, fejn qal li waqt il-pandemija, persess li m'aħniex niltaqgħu mal-membri u Azzjonisti, jeħtieġ li nżommu kuntatt aktar magħkom u għaldaqstant qbilna li n-Newsletter toħroġ kull xahar. Suġġetti oħra li tkellimna fuqhom kienu, il-Webinar ta' informazzjoni mill-MCVS għall-Organizzazzjonijiet Voluntarji; li nużaw il-midja biex inwasslu l-preokkupazjoni li għaddejjin minnha l-Investituri ż-Żgħar; u fl-aħħar iddiskutejna l-korrispondenza u stqarrijiet li qed nirċevu mill-Better Finance tal-Ewropa. Il-President għalaq il-laqgħa billi awgura s-saħħa lil kulħadd.

Għal-lum se nieqaf hawn u jekk Alla jrid nerġgħu niltaqgħu b'ħarġa oħra tan-Newsletter fil-ġimgħat li ġejjin tas-sena, filwaqt li nawguralkom is-saħħa, f'dawn iċ-ċirkustanzi, nibqa ngħidilkom bl-Ingliż: STAY SAFE.






# Ittri, Imejls u Artikoletti mill-Membri tal-MASS

Dear Mr. Barbara

First of all, thank you for forwarding the Shareholder's News Magazine No. 54. I must admit that I enjoy reading this publication and wait for it in anticipation.

I read with great interest your article regarding MASS proposals for the 2021 Budget. I am not at all surprised to read that the Malta Stock Exchange Index has depreciated by well over 21% during the last 5 years. Really it must be one of the worst depreciation of all European Stock Exchanges. It does not come as a surprise to me either. The rules governing the procedure to claim tax refunds on dividends is too restrictive and profits of the company have to be deemed to have occurred in a specific year and not simply declared or received!!! The gain is very minimal might I add! What the Government should do is to introduce ISA Accounts which will cover stocks and shares where no income tax or capital gains tax are levied. Obviously, there will be a limit of what can be invested in these ISA accounts but this will give a jolt and uprating to Malta Equities which, to say the least, have been in the doldrums for years now. Let me once again to take this opportunity to congratulate you and commend you and all the Committee members of MASS for all the fantastic work that you all perform.

Regards

C. SAMMUT

********

Mr Barbara

Nirringrazzjak ħafna tax-xogħol tiegħek. In-Newsletter tiswa' mitqlu deheb għax iżżommna nfurmati speċjalment bħalissa.

Nixtieqlek is-sena t-tajba!

Helen Borg Bonnici

********

## Il-ħtieġa ta' Kalendarju Finanzjarju fil-bidu tas-Sena

Naħseb wasal iż-żmien li l-azzjonisti ż-żgħar u l-pubbliku kollu, fil-bidu tas-sena jkunu infurmati fuq il-pjanijiet tal-kumpaniji kkwotati fil-Borża ta' Malta għal dik is-sena partikolari. Biex nispjega ruħi aħjar, jekk kumpanija tkun se toħroġ xi ishma għall-pubbliku jew għall-azzjonisti, (pereżempju IPO, rights issue jew preference shares) fil-bidu tas-sena, nkunu nafu f'liema xhur hemm il-ħsieb li joħorġu. Qed ngħid dan biex jekk wieħed ikollu l-ħsieb li jipparteċipa fihom ikun jista' jippjana sew minn xhur qabel u mhux isir jaf bihom biss xi xahar jew xahrejn qabel. Xi snin ilu l-Borża ta' Malta kienet ippubblikat kalendarju fil-bidu tas-sena u fih kien hemm informazzjoni fuq il-pjanijiet għal dik is-sena partikolari. Ngħidu aħna, tat dettalji li fit-tali xahar se jkun hemm rights issue jew IPO. Tkun inizjattiva tajba jekk il-Borża ta' Malta terġa' tintroduċi dan il-kalendarju.

## In-nuqqas ta' Dividendi mill-Banek lokali

Sfortunatament is-sena l-oħra kienet diffiċli ħafna għall-azzjonisti ż-żgħar ta' banek lokali, minħabba li dawn ma qassmux dividendi. Il-pandemija Covid-19 affettwat negattivament is-settur bankarju u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irrakkomanda li l-banek Ewropej ma jħallsux dividendi. Dan sar biex kemm jista' jkun il-banek jippreservaw il-kapital u biex b'numru ta' inizjattivi jkunu jistgħu jgħinu l-ekonomija ta' kull pajjiż.

Qabel ma ħarġet din id-direttiva mill-BĊE, xi banek lokali kienu diġà rrakkomandaw il-ħlas ta' dividend. Ngħidu aħna, il-BOV PLC u l-HSBC Bank Malta PLC, wara l-ħruġ tar-riżultati finanzjarji tal-2019 kienu se jqassmu dividend net ta' 0.017ċ u 0.014ċ rispettivament għal kull sehem. B'mod partikolari d-direttiva tal-BĊE laqtet ħażin lill-azzjonisti tal-BOV peress li dan ħallas l-aħħar dividend lill-azzjonisti fil-bidu tal-2018, meta ħareġ ir-riżultati finanzjarji tal-2017. Ta' min jgħid li fl-2018 l-azzjonisti tal-BOV ingħataw l-għażla li jieħdu dan id-dividend fi flus (0.052ċ kull sehem) jew inkella f'forma ta' ishma (scrip dividend) bil-prezz ta' 1.667ċ kull sehem. Minn dak iż-żmien l-azzjonisti tal-BOV esperjenzaw tnaqqis ukoll fil-prezz tal-ishma għax fil-bidu ta' Frar kien ta' 0.95ċ.

Il-BĊE ftit xhur ilu ħareġ direttivi ġodda rigward il-pagamenti ta' dividendi mill-banek Ewropej. Nittama li l-banek lokali jimxu ma' dawn id-direttivi u din is-sena jħallsu parti mid-dividend li kienu se jagħtu għas-sena finanzjarja 2019, kif ukoll dak għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2020. Id-dividend tal-2019 kien ġie sospiż u ma smajna l-ebda stqarrija oħra mill-banek lokali wara d-direttivi/rakkomandazzjonijiet ġodda tal-BĊE. Ma għandi xejn kontra li l-banek lokali jgħinu fil-ġabriet ta' fondi għall-karità, iżda dawn għandhom jaħsbu wkoll fl-azzjonisti li b'sagrifiċċji investew flushom fihom.

## Il-komunikazzjoni bejn l-iInvestituri u l-Kumpaniji kkwotati fil-Borża ta' Malta




Barra l-problema ta' nuqqas ta' dividendi u l-prezzijiet baxxi tal-ishma, l-investituri lokali qed iħabbtu wiċċhom mal-problema ta' nuqqas ta' komunikazzjoni minn xi kumpaniji lokali kkwotati fil-Borża ta' Malta.

Il-prezzijiet tal-ishma jogħlew u jitbaxxew skont kif ikunu sejrin il-kumpaniji. Jekk il-kumpaniji jħabbru xi proġetti/kuntratti ġodda ġeneralment is-suq jeħodha bħala aħbar tajba u l-prezz jogħla mill-ewwel. Hemm kumpaniji li meta jħabbru kuntratti ġodda jagħżlu li ma joħorġux l-informazzjoni kollha. Pereżempju, kumpanija lokali tirbaħ kuntratt u tagħżel li ma tagħtix dettalji dwar kemm hu twil il-kuntratt, kemm se taqla' flus minnu u anki ma tħabbarx l-isem tal-kumpanija l-oħra li tkun se tagħmel negozju magħha. Wieħed jifhem li f'xi każijiet jista' jkun hemm ċertu sensittività jew kunfidenzjalità, iżda min-naħa l-oħra l-azzjonisti huma parti mill-kumpanija u għandhom ikunu mgħarrfa b'ċerti dettalji importanti.

Il-kumpaniji lokali kollha huma obbligati bil-liġi li joħorġu l-informazzjoni meta jirbħu kuntratti ġodda. Din l-informazzjoni dejjem tkun ippubblikata fis-sit tal-Borża ta' Malta u fis-sit tal-istess kumpanija. Fuq inizjattiva personali ġieli jkun hemm kumpaniji li jippubblikaw ukoll artikli fil-gazzetti jew jibagħtu ittri lill-azzjonisti kollha. Infaħħar l-inizjattiva ta' Medserv PLC, li f'Jannar ippubblikat artiklu f'gazzetta lokali dwar kuntratt ġdid li rebħet fl-Eġittu mill-kumpanija BP. Idea tajba kienet ukoll dik ta' BMIT Technologies, li ftit tax-xhur ilu bagħtet ittra bil-Malti u bl-Ingliż (anki permezz ta' email) lill-azzjonisti kollha biex tinfurmahom dwar ir-riżultati u l-attivitajiet tagħha għat-tielet kwart tal-2020. Jalla kumpaniji oħra jieħdu eżempju minnhom.

Barra dan nisħaq fuq il-bżonn li l-kumpaniji lokali kollha jerġgħu jibdew jippubblikaw l-Interim Directors' Statements. Ir-Rapport Annwali u r-Rapport ta' Nofs is-Sena (Interim report) ma nħossx li huma biżżejjed biex azzjonist jinżamm infurmat regolarment dwar il-kumpanija matul is-sena. Fil-fatt bis-saħħa tal-Interim Directors' Statement, kumpanija tipprovdi tagħrif finanzjarju siewi lill-investituri dwar l-ewwel kwart u t-tielet kwart tas-sena.

Jean-Pierre Caligari

# MALTESE SHARES GENERATED AVERAGE ANNUAL RETURN OF 8.7%

***February 18, 2021*** ***by Edward Rizzo***

In my article published two weeks ago, I made reference to a review published in the international media providing statistics on average returns for the Dow Jones Industrial Average and the S&P 500 for the past 100 years showing that they have generated returns to investors of about 10% annually. This is an annualised return over a very long period of time and naturally there were years when these indices surpassed a 10% gain (such as in 2019 when the Dow Jones rallied by over 22%) and others when the indices underperformed in a significant manner (such as in 2008 when the Dow Jones suffered a decline of 33.8%).

Since trading on the Malta Stock Exchange (MSE) commenced in January 1992 there isn't as much data as that available across the US financial market to gauge returns over an extended period of time. Despite this, it is still interesting to review the performance of Maltese equities over the years. The Malta Stock Exchange produces two indices – the MSE Equity Price Index and the MSE Equity Total Return Index – and these were compiled from 1996.

The MSE Equity Price Index is a price return index such as the S&P500 which captures the changes in the prices of the index components. The MSE Equity Price Index ranks companies in terms of their market capitalisation and, as such, changes in the prices of the larger capitalised companies (currently made up of Bank of Valletta plc, Malta International Airport plc, International Hotel Investments plc, RS2 Software plc, GO plc and HSBC Bank Malta plc) have a much larger influence on the performance of the index than similar changes in the smaller companies.

The MSE Equity Total Return Index is also weighted according to the market capitalisation but it takes into consideration both the price fluctuations of the components of the index (namely all the shares on the Official List of the MSE) as well as dividends that these companies distribute to shareholders. The MSE Equity Total Return Index is based on the assumption that all dividends are reinvested into the respective company paying the dividend on the day it turns ex-dividend.

Since 1996, the MSE Equity Price Index generated a compound annual growth rate (CAGR) of 5.7% while the MSE Equity Total Return Index produced a CAGR of 8.7%.

In the earlier years the share prices of the two large retail banks, Bank of Valletta plc and HSBC Bank Malta plc, produced spectacular returns for investors. Between 1996 and March 2006, BOV's share price jumped by 900% translating into a compound average annual gain of 23% apart from the dividends distributed to shareholders on a semi-annual basis every year without fail. Likewise, HSBC Malta's share price had an incredible run between 1996 and April 2006 showing a remarkable upturn of 1646% equivalent to a CAGR of 29.3%.

However, sharp drops were recorded in the share prices of both banks since the record levels several years ago with the market capitalisation of HSBC shrinking to a current level of €342.3 million compared to a peak of €2.03 billion in April 2006. In more recent years, BOV and HSBC largely underperformed the index on account of various factors including the historically low interest rate environment and the hostile regulatory landscape leading to a marked shrinkage in the return on equity generated by both banks which is very much in line with that seen across all banks within the eurozone.



**While the banks were the darlings of Maltese investors in the 1990's and early 2000's, other shares performed particularly well in more recent years providing returns far superior to the average annual gains of the entire market**.

Malta International Airport plc shares debuted on the MSE in 2002 and since then the market capitalisation of the company surged by 611.6%. MIA distributed semi-annual dividends uninterruptedly since the company's privatisation but these were then halted last year as COVID-19 wreaked havoc across the industry. Although the share price dropped over the past 12 months mainly due to the devastating impact of the pandemic, shareholders who purchased shares when these initially became available in 2002 saw their capital grow by a CAGR of 10.8%.

The extraordinary growth in passenger movements between 2006 and 2019 came to an abrupt halt in March 2020 as the pandemic significantly curtailed aircraft movements. As the COVID-19 vaccine rollout gathers momentum in the months ahead, it is envisaged that passenger movements will gradually start to recover before hopefully achieving over 7 million passenger movements once again in the years ahead.

RS2 Software plc was admitted to the MSE in mid-2008 and ranks as the best performing equity in Malta as the share price has climbed by over 1,100% since the initial share offering translating into a CAGR of over 21%. The company is possibly at a decisive juncture of its expansion and internationalisation strategy and as part of the issuance of up to €50 million worth of preference shares, it will be imminently announcing full details of its future business pipeline and financial projections. The company issued a detailed business update last month in which it explained that the proceeds of the new share issue are earmarked for further investment in North America and in the new acquiring business line, enhancements to the BankWORKS® platform, expanding the sales force across the various lines of businesses as well as selected M&A activities. The financial projections being published in the prospectus will prove to be very important to gauge the success of the company's expansion strategy in the years ahead.

PG plc shares began trading on the MSE on 4 May 2017 following a share offering of 27 million shares at a price of €1.00 per share. In just under 4 years since listing, the share price has more than doubled resulting in CAGR of 18.9%. Apart from the strong capital growth in the share price, a total of €0.144 in dividends per share were also paid to shareholders over the past 4 years. This ranks PG as one of the more successful companies on the MSE in recent years. The company has proved to have moulded a highly profitable and cash generative business model in the supermarket and associated retail sector. Hopefully, this formula will be replicated in another location in the near future to enable the company to continue growing and providing strong returns to shareholders.

The very positive returns generated by RS2, PG and MIA in more recent years compared to the strong growth by the two large banks in earlier years shows the importance for investors to monitor the outlook and competitive landscape of the various companies within an investment portfolio.

Most international market commentators contend that as the COVID-19 vaccine rollout accelerates across the world, a strong economic upturn will materialise over the next few years as a result of the pent-up demand across various economic sectors. Many share prices across international markets are reflecting such an optimistic scenario with cyclical sectors also performing very positively in recent weeks. Hopefully, this positive sentiment will also spill over onto the Maltese capital market which performed weakly as from Q4 2019 due to the serious political developments in November 2019 followed by the COVID-19 pandemic in March 2020. The high levels of liquidity across the financial system, the low interest rate environment and the expected improvement in investor sentiment should also encourage other companies to obtain an equity listing on the MSE thereby providing further depth to the local capital market.

# Avviżi

| | | |
|---|---|---|
| **22 ta' April 2021** | HSBC Bank | Laqgħa Ġenerali Annwali b'mod virtwali. |
| **30 ta' April 2021** | Mapfre Middlesea Insurance | Laqgħa Ġenerali Annwali b'mod virtwali. |
| **5 ta' Mejju 2021** | Malta International Airport | Laqgħa Ġenerali Annwali b'mod virtwali. |
| **11 ta' Mejju 2021** | Malita Investments | Laqgħa Ġenerali Annwali b'mod virtwali. |

**MEMBERSHIP APPLICATION FORM** **(IKTEB B'ITTRI KBAR)**

MASS

Nixtieq insir membru / inġedded is-sħubija tal-**Malta Association of Small Shareholders**.

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

Kodiċi Postali: ____________ ID: ____________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl: ____________

Qed nibgħat ċekk ta' €_____, f'isem il-Malta Association of Small Shareholders.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ____________ DATA: ____________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10**
**Ħames snin – EUR 20**
**50% skont lill-istudenti**

*L-INFORMAZZJONI KOLLHA TINŻAMM SKONT ID-'DATA PROTECTION ACT'.*

## Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)

PG plc – A member of PG Group
Main Street Shopping Complex • Paola
Mapfre Middlesea
malta post
Harvest
bmit Technologies
Malta Properties
GO
International Hotel Investments p.l.c.
Lombard – Lombard Bank Malta p.l.c.
FIMBank
Malta Stock Exchange
BOV – Bank of Valletta
FinanceMalta – Effective | Secure | Skilled
Plaza – The Shopping Centre
The Point Shopping Mall – Tigné Point
Grand Harbour Marina – Vittoriosa Malta
Malta International Airport
LOQUS – Business Intelligence
GlobalCapital
MIDI
Farsons Group – Farsons Brewers & Bottlers
MedServ
Malita Investments
HSBC